



Brussell, 4 ta' April 2019
(OR. en)

7950/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0008(NLE)

ENV 357
MAR 82
COMER 54

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	5679/19 - COM(2019) 11 final
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-erbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basilea dwar il-Kontroll tal-Movimenti li Jaqsmu l-Fruntieri tal-Iskart ta' Riskju u d-Disponiment Minnhom, fir-rigward ta' ċerti emendi għall-Annessi II, VIII u IX tagħha - Adozzjoni

1. Fit-23 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-erbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basilea dwar il-Kontroll tal-Movimenti li Jaqsmu l-Fruntieri tal-Iskart ta' Riskju u d-Disponiment Minnhom, fir-rigward ta' ċerti emendi għall-Annessi II, VIII u IX tagħha¹.

¹ Dok. 5679/19.

2. Fis-7 ta' Frar 2019, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Ambjentali Internazzjonali (WPIEI) eżamina l-proposta tal-Kummissjoni. Fit-18 ta' Frar u l-11 ta' Marzu 2019, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) qies il-proposta. It-test ta' kompromess tal-Presidenza li jirriżulta minn dawn id-diskussjonijiet (dok. 7575/19) ġie ċċirkolat mad-delegazzjonijiet għal qbil skont il-proċedura ta' silenzju informali li ntemmet fl-20 ta' Marzu 2019 u li nkisret minn tliet delegazzjonijiet. Sussegwentement, il-Presidenza ppreżentat proposta ta' kompromess rivedut (dok. 7575/1/19 REV 1) lid-delegazzjonijiet għal ftehim taħt proċedura informali ta' silenzju.
3. Ir-riżultat tal-aħħar proċedura ta' silenzju informali li ntemmet fit-22 ta' Marzu 2019 juri li l-aħħar test ta' kompromess tal-Presidenza, kif jinsab fid-dokument 7863/19, wara r-reviżjoni ġuristika-lingwistika, huwa aċċettabbli għad-delegazzjonijiet kollha.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti hu mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill:
 - jadotta d-Deċiżjoni kif tinsab fid-dokument 7863/19 bħala punt "A" fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' April 2019;
 - jgħarraf lill-Parlament Ewropew bid-Deċiżjoni tiegħu f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.